# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 1**

**Rikors numru 284/13 AE**

**Joseph Micallef u Mark Micallef**

**v.**

**HSBC Bank Malta p.l.c (C3177)**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-appell tal-atturi mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Lulju 2014.

2. Il-kawza hi dwar talba maghmula mill-atturi biex il-bank jigi dikjarat responsabbli u jhallas id-danni li sofrew ghaliex wara li applikaw biex

tinhargilhom garanzija bankarja in konnessjoni ma' tender, il-bank naqas milli jaghti l-assistenza necessarja fis-sens li naqas li jaghtihom l-informazzjoni biex tinghatalhom l-istess garanzija, u b'hekk tilfu t-tender.

3. L-ewwel Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-bank fis-sens li l-attur Mark Micallef ma kellu ebda jedd iharrek il-bank ghax kien biss l-attur Joseph Micallef li applika ghal garanzija, u fil-mertu cahdet it-talbiet attrici ghaliex ma irrizulta ebda nuqqas da parti tal-bank, u lanqas xi obbligu li l-bank naqas li josserva.

4. L-atturi appellaw minn din is-sentenza u talbu r-revoka tas-sentenza u li l-kawza tigi rimessa lill-ewwel Qorti. L-aggravji taghhom huma s-segwenti:

1. Il-Qorti naqset li tqis li fil-fatt kien hemm ness guridiku bejn Mark Micallef u l-bank. Mark Micallef jahdem ma' missieru u l-applikazzjoni ghat-tender saret mit-tnejn. L-appellanti jsostnu li r-relazzjoni mal-bank ma kinitx biss wahda kontrattwali izda anki *ex delicto* fejn hemm rabta bejn id-dannu soffert mill-attur Mark Micallef qua terz u n-nuqqas tal-bank fl-adempiment tal-obbligi tieghu;

2. Fl-ezami tar-rabta kontrattwali mill-ewwel Qorti, naqset li tqis jekk l-event dannuz sehhx barra mill-kontroll tal-bank, b'ezempju li d-

dokument mertu tal-kawza cioe` l-applikazzjoni ghal ghoti tal-garanzija kien bl-Ingliz meta qed jinghata servizz lil klijent Malti. Di piu naqas li juza d-diligenza necessarja ta' bonus *paterfamilias* biex jigi evitat l-event dannuz;

3. L-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qieset lil impjegata tal-bank Cettina Zammit bhala mandatarja ta' Joseph Micallef fil-mili tal-applikazzjoni. Hadd mill-partijiet ma allega dan u ma hemmx prova li l-persuni msemmija riedu hekk. L-impjegata tal-bank ghenet lil Joseph Micallef jimla l-applikazzjoni ghal garanzija ghax kien xogholha bhala impjegata tal-bank u fl-ebda hin Joseph Micallef ma qiesha bhala mandatarja tieghu.

5. Il-bank appellat irrisponda li l-aggravji ma fihom ebda mertu u ghandhom jigu michuda.

**L-ewwel aggravju**

6. Dan l-aggravju jirrigwarda l-*locus standi* tal-appellant Mark Micallef f'din il-kawza. L-aggravju tieghu hu illi l-kawza ghandha titqies wahda mista cioe` dik ta' natura kontrattwali bejn l-attur Jospeh Micallef u l-bank, u dik extra kontrattwali bejnu u l-bank. Ghalkemm din il-Qorti tirrikonoxxi l-ezistenza ta' kawza mista, pero` l-kawza maghmula mill-atturi ma saritx

b’dan il-mod. Il-bazi tal-azzjoni taz-zewg atturi kienet cara cioe` li l-bank meta dahal f’relazzjoni kontrattwali ghal ghoti ta’ garanzija naqas mill-obbligi tieghu. Il-fonti tal-azzjoni hi l-garanzija u n-nuqqas tal-bank fid-doveri relatati mal-hrug taghha. L-applikant ghal garanzija kien biss Joseph Micallef. Mark Micallef ma jissemmiex u qatt ma kien hemm xi hjiel moghti mill-istess Joseph Micallef lil bank li hu qed japplika f’ismu u f’isem haddiehor. Il-bank, jekk fl-aggravji sussegwenti ghandu jitqies b’xi mod responsabbli, ma jistax jitqies responsabbli *erga omnes* izda biss ma’ min ikkuntratta jekk naqas fil-konfront tieghu fis-servizz moghti lil Joseph Micallef. In fin dei conti, jekk jirrizulta nuqqas fil-konfront ta’ Joseph Micallef dan ser ukoll ikun ta’ gwadann ghal Mark Micallef li kien shab ma’ missieru u t-telf imgarrab kien wiehed komuni ghalihom it-tnejn. Pero` din hi kwistjoni lil hin mir-relazzjoni guridika tal-partijiet fil-konfront tal-bank. Mark Micallef ma jistax jivvanta ebda dritt fuq in-nuqqas ta’ ezistenza ta’ rabta obbligatorja antecedenti biex jirnexxi fl-azzjoni kif qed tigi impostata fl-appell billi l-oggett tal-kawza hemm proprju r-rabta kontrattwali ghal ghoti ta’ garanzija.

7. Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni u t-tielet aggravji**

8. Dawn l-aggravji huma aktar fis-sens ta' ri-ezami jew ri-apprezzament tal-provi prodotti u l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti ghal dawn il-fatti milli kwistjoni ta' indoli legali. L-appellant Joseph Micallef jishaq illi d-dokument kien bl-Ingliz meta hu ma jifhimx bl-Ingliz u l-bank kellu l-obbligu li jaghti informazzjoni cara lil klijent u fit-tieni lok l-impjegata tal-bank Cettina Zammit ma setghetx titqies bhala mandatarja tal-attur Joseph Micallef billi xogholha kien li taghti servizz qua impjegata tal-klijenti tal-bank.

9. Fil-fehma ta' din il-Qorti Cettina Zammit kienet impjegata tal-bank li kellha l-obbligu li tassisti u taqdi klijenti tal-bank. Il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti li agixxiet bhala mandatarja ta' Joseph Micallef billi ma irrizulta ebda intendiment ta' xi wahda mill-partijiet li jkun hemm din ir-relazzjoni. Pero` din il-kwistjoni bl-ebda mod ma timpingi fuq in-natura vera tal-aggravju jew il-parti deciziva tas-sentenza tal-ewwel Qorti. L-aggravju hu semplici cioe` li skont l-appellant Joseph Micallef, il-bank hu obbligat ikun car u preciz mal-klijent ghal dak li gie mitlub mill-bank u li naqas f'dan l-obbligu. Din il-Qorti meta qieset il-provi u rat il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li wassluha ghad-decizjoni taghha ma tqisx li saret il-prova li da parti tal-attur Micallef li l-bank naqas fil-konfront tieghu jew zvijah b'xi nuqqas ta' informazzjoni rilevanti jew informazzjoni zbaljata.

10. Ghalkemm l-applikazzjoni kienet bl-Ingliz u imtliet bl-ghajnuna tal-impjegat tal-bank, Joseph Micallef kellu l-obbligu li fejn ma kienx qed jifhem, jitlob l-ghajnuna. L-applikazzjoni kienet bl-Ingliz pero` l-impjegata tal-bank kienet Maltija. Il-kliem 'Application Form' b'ittri kbar fuq id-dokument a fol. 7 tal-process prezentat mill-istess appellant juru b'mod car li din kienet applikazzjoni ghal garanzija mhux garanzija fiha nfisha. Anki jekk Joseph Micallef ma kienx jaf jaqra bl-Ingliz ma jfissirx li ma kienx jaf jaqra. Il-kelma 'application' ma hix il-boghod fonetikament mill-kelma 'applikazzjoni'. Di piu hi inverosimili li x-xhud tal-bank Zammit ma spjegatx kif ghandha tingabar il-garanzija proprja. Hi ma kinitx novizza ghal dan ix-xoghol u billi f'kazijiet urgenti l-garanzija setghet tingabar malajr mill-ufficcju tal-bank f'Hal-Qormi, zgur li spjegat dan lil Joseph Micallef. Jekk ma fehemx jew ma tax kaz ma jahtix ghalih il-bank. Hu stess jammetti li ma qaghdx jistaqsi lil impjegata tal-bank tispjegalu d-dokument, u b'konsegwenza ma setax jipprezumi li din kienet il-garanzija. L-obbligu tal-bank kien li jlesti l-garanzija fi zmien ragonevoli. Dan jidher li sar b'mod spedit hafna fid-29 ta' Ottubru 2010 cioe` l-ghada li applika Joseph Micallef. L-eghluq tat-tender kien it-18 ta' Novembru 2010. Anki jekk Joseph Micallef ma fehemx sew x'kellu jsir wara li mar il-bank seta' u kellu kull opportunita` jivverifika ma' min ried rigward id-dokument tal-applikazzjoni li nghata u kellu bizzejjed zmien biex jikkuntattja lil bank jekk kellu diffikulta. Imkien mill-provi ma jirrizulta xi obbligu tal-bank li jibghat il-garanzija bil-posta lil klijent. Kien id-dover tal-klijent bid-diligenza

normali mehtiega li jivverifika sew x'kellu jsir u f'dubju jikkuntattja lil bank biex jara li kollox kien sew. Minn dan kollu ma ghamel xejn.

11. Ix-xhieda tal-impjegata tal-bank Cettina Zammit ma titfa' ebda htija fuq l-operat taghha u konsegwentement tal-bank. L-ittra taghha a fol. 46 tal-process ghalkemm fih il-kliem '*customer was not contacted to come to the branch to collect relative document due to a misunderstanding*', ma titfax xi responsabbilta` fuq il-bank. Kif inghad mill-ewwel Qorti setghet tkun kortesija li l-bank jinforma lil klijent wara certu zmien, li kellu garanzija li ma ngabritx izda ma kienx l-obbligu tieghu li jaghmel hekk meta mill-provi ma jirrizultax li din kienet il-prassi u lanqas tidher li kienet il-prassi li l-garanzija tintbaghat lil klijent flok jigborha hu. Inoltre l-kelma '*misunderstanding*' hi generika fis-sens li ma hiex marbuta ma' agir tal-bank izda ma' stat ta' fatt biss li ma jistax jigi attribwit bhala xi assunzjoni ta' nuqqas tal-bank. Il-Qorti taqbel li l-attur Joseph Micallef ma fehemx sew jew fehem hazin dak li qaltlu l-impjegata tal-bank pero` ghal tali '*misunderstanding*' mahluq jirrispondi ghalih hu bin-nuqqas li jsegwi il-process tal-ghoti tal-garanzija.

12. Ghalhekk ghalkemm it-tielet aggravju dwar in-natura tar-relazzjoni tal-impjegata tal-bank mal-appellant Joseph Micallef qed jintlaqa', dan bl-ebda mod ma jdghajjef il-konkluzjoni tas-sentenza tal-ewwel Qorti meta qed jigi michud it-tieni aggravju.

**Decide**

13. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-appell tal-appellanti Micallef u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-15 ta' Lulju 2014, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm